C/2026/6037

16.11.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.12603 — EQT FUNDS / INTERTEK)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/6037)

1. Fid-09 ta' Novembru 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EQT Fund Management S.à.r.l. ("EFMS", il-Lussemburgu), ikkontrollata minn EQT AB ("EQT", l-Iżvezja),

— Intertek Group Plc ("Intertek", ir-Renju Unit).

EFMS se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Intertek kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' offerta pubblika mħabbra fit-18 ta' Ġunju 2026.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— EFMS hija l-maniġer ta' fondi ta' investiment alternattivi tal-EQT X, fond ta' investiment privat li jifforma parti mill-grupp ta' fondi ta' fondi EQT. EFMS hija proprjetà esklużiva ta' EQT. Il-kumpaniji tal-portafoll tal-fondi EQT huma attivi f'diversi ġeografiji, inkluża ż-ŻEE, f'varjetà ta' industriji, bħall-konsumatur, l-enerġija u l-ambjent, il-kura tas-saħħa, il-proprjetà immobbli, is-servizzi, it-teknoloġija u l-loġistika tat-trasport,

— Intertek tipprovdi servizzi ta' Assigurazzjoni, Ittestjar, Spezzjoni u Ċertifikazzjoni. Hija attiva prinċipalment fir-Renju Unit, fl-Amerka ta' Fuq, fl-Awstralja, fiċ-Ċina, f'Hong Kong kif ukoll fiż-ŻEE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12603 — EQT FUNDS / INTERTEK

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË